**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Brian Curmi

vs

Cousins Trading (Gozo) Ltd

CCT G1/20/MS

28 ta' Mejju 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent fejn talab ir-rifuzjoni ta' €393.90 prezz ta' stroller (push-chair) u accessorji relatati, liema pushchair zvillupat xi hsarat li setghu kienu ta' periklu u ghalhekk ma baqghetx tajba ghall-uzu li ghalih kienet mahusba.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata fejn eccepiet illi Cousins Trading (Gozo) Limited mhijiex il-legittima kuntradittur ai termini tal-artikolu 57 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta u din il-kawza kellha tingieb kontra l-importatur tal-prodott illi skond il-ligi jitqies bhala l-produttur; Illi minghajr pregudizzju l-prodott in kwistjoni ma giex mibjugh difettuz izda tkisser mir-rikorrenti wara li ghamlu uzu tal-oggett ghal diversi xhur u ghalhekk is-socjeta' intimata offriet ghajnuna lir-rikorrent fil-komunikazzjoni mal-produttur sabiex jissewwa l-oggett wara li tkisser mir-rikorrent, bl-ebda mod ma jfisser li s-socjeta' intimata b'xi mod accettat illi l-prodott gie mibjugh difettuz; illi minghajr pregudizzju, ir-rimedju li r-rikorrent jista' jitlob ai termini tal-artikolu 75 huwa li jissewwa l-oggett jew jigi rrimpjazzat u mhux il-flus kollha imhallsa; illi l-ammont mitlub huwa eccessiv; is-socjeta' intimata m'ghandha bl-ebda mod tinsab responsabbli ghal difetti kkagunati mir-rikorrenti minhabba uzu hazin tal-oggett; bl-ispejjes.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni, s-socjeta' intimata eccepiet illi mhijiex il-legittima kontradittur ai termini tal-arikolu 57 tal-Kap 378 u dan stante illi l-importatur huwa l-persuna responsabbli f'dan il-kaz.

L-artikolu 57 tal-Kap 378 ighid hekk:

*Il-produttur ikun responsabbli ghall-hsara ghal kollox jew f'parti kagunata b'xi difett fil-prodott tieghu.*

Imbaghad l-artikolu 59 ighid hekk:

***Il-fornitur tal-prodott ghandu jitqies bhala l-produttur jekk:***
*il-produttur ma jistax jigi identifikat u l-parti aggravata tkun talbet lill-fornitur biex jipprovdilha l-identita u l-indirizz shih tal-produttur jew tal-persuna li tkun forniet lill-fornitur bil-prodott, jew*
*fil-kaz ta' prodott importat meta l-importatur ma jkunx jista' jigi identifikat ukoll jekk isem il-produttur ikun indikat u l-parti aggravata tkun talbet lill-fornitur biex jipprovdilha l-identita' u l-indirizz shih tal-importatur jew tal-persuna li tkun forniet lill-fornitur bil-prodott*
*u l-fornitur jonqos milli jaghmel dan fi zmien tletin jum minn meta saritlu t-talba ..*

Illi fix-xhieda tieghu, ir-rikorrent ighid illi xi sena wara li nxtrat, kien ha l-pushchair ghat-tiswija darbtejn ghand il-hanut minn fejn xtraha u meta l-problema persistiet hu kellem lid-direttur Noel Genovese, li qallu li kellu problema ghaliex l-agent ma jridx isewwi izjed. Kien hemmhekk li r-rikorrent kellem lil MCCAA, li skond hu kkuntattjaw lil Genovese li min-naha tieghu qalilhom illi r-rikorrenti kellu ragun u li jekk jiftah kawza kien ser jixhed favur ir-rikrorent. Rega' semma l-problema li kellu u cjoe' li jekk l-agent ma jhallsux, ma jkunx jista' jhallas lir-rikorrent.

Fix-xhieda tieghu, Genovese jikkonferma x-xhieda tar-rikorrent, pero' ighid illi meta cemplulu tal-MCCAA huwa qalilhom illi mhuwiex l-importatur u tahom id-dettalji kollha tal-importatur.

Dan iffisser allura illi d-diskors ta' min kien l-importatur o meno, se mai sar bejn Genovese u l-MCCAA u mhux bejn Genovese u r-rikorrent. B'hekk ir-rikorrent ma jistax jitqies illi kien jaf bl-identita' tal-importatur ahseb u ara kemm kien f'posizzjoni illi jiftah kawza kontra 'importatur', li lanqas biss issemma darba f'din il-kawza. Anke jekk Genovese identifika l-importatur mal-MCCAA, dan ma jissodisfax il-vot tal-ligi. Skond is-subartikolu (3) tal-artikolu 59, il-fornitur ikollu l-piz illi jgib prova li jkun ipprovda lill-parti aggravata bl-informazzjoni mehtiega. Dan ma sarx. Biex jissodisfa l-vot tal-ligi, id-direttur kellu almenu jipprovdi l-isem u l-indirizz tal-importatur u mhux sempliciment jikkwota l-artikolu tal-ligi. Ghalhekk f'dan il-kaz, il-fornitur tal-prodott ghandu jitqies bhala l-produttur.

It-Tribunal jinnota wkoll illi hawnhekk si tratta ta' Sale of Good to Consumers, li jaqa taht Part X tal-Kap 378 u ghalhekk l-artikolu 59 - li jaqa' taht Part IX ma japplikax hawnhekk. Hawnhekk japplikaw l-artikoli 73 et seq u l-artikolu 77 jipprovdi illi l-kummercjant bhala l-ahhar bejjiegh huwa responsabbli lejn il-konsumatur minhabba nuqqas ta' konformita' minn xi att jew omissjoni tal-produttur, u jkun hu (il-bejjiegh) li ghandu dritt ta' rimedju kontra l-produttur.

Ghalhekk it-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni u ha ighaddi biex jikkunsidra l-mertu.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent Brian Curmi xehed illi f'Awwissu 2018 huwa xtara pushchair minghand is-socjeta' intimata, li wara xi sena tqacctet bicca plastik zghira tal-main clip fuq il-lemin tal-pushchair, u ma baqghetx b'sahhitha. Ir-rikorrent ha l-pushchair ghand il-hanut u wara xahrejn ssewwiet - fil-fatt dakinhar biddlu c-chassis u dan gie jiswa erbghin euro, pero' r-rikorrent ma hallasx xejn ghaliex il-pushchair kienet taht garanzija. Ir-rikorrent ighid illi ghalkemm innota illi c-chassis kellu l-grif ma tax kaz. Fil-fatt l-ewwel darba li l-mara uzat il-pushchair, din inghalqet fuq it-tifla. Il-problema issa kienet il-ganc isfel li bil-piz kienet tinfetah, b'periklu ghat-tifla. Rega' ha l-pushchair ghand il-hanut u wara ftit gimghat mar ghaliha u din id-darba il-clip tax-xellug beda johrog minn postu u hareg il-ganc minn taht. Qalilhom illi ma kenitx tajba u d-direttur Genovese tah ragun, pero' qallu illi l-agent ma riedx isewwi izjed. Fil-fatt cempel lil MCCAA li min-naha taghhom ikkuntattjaw lid-direttur li rega' kkonferma illi r-rikorrent kellu ragun u li kien lest li jixhed favurih.

Xehdet ukoll Margaret Curmi, l-mara tar-rikorrent illi rrakontat l-episodju ta' meta kienet miexja bit-tifla li kienet fil-pushchair u f'daqqa wahda l-pushchair inghalqet bit-tarbija fiha u ovvjament bezghet illi t-tarbija setghet korriet. Ikkonfermat illi kienu regghu haduha ghat-tiswija pero' li ma kenitx tajba. Ikkonfermat ukoll illi l-prezz tal-pushchair kien €275.00 u l-affarijiet ohra huma accessorji li jistghu jintuzaw ma' dan il-pushchair biss bhal foot muff, changing bag, u net. Qalet illi l-kundizzjoni tal-pushchair kienet ghadha tajba hafna.

Illi ghas-socjeta' intimata xehed Noel Genovese. Ghalkemm fir-risposta taghha, is-socjeta' intimata cahdet it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, meta xehed quddiem dan it-Tribunal, Noel Genovese qabel mar-rikorrent u ikkonferma dak kollu li qal. Qal illi kien hadem favur ir-rikorrenti u ha l-pushchair ghat-tiswija xi tlett darbiet u anke hallas erbghin Euro minn butu.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob ir-rifuzjoni ta' €393.90, prezz ta' push-chair u accessorji ohra li nxtraw mal-pushchair, liema pushcair kienet difettuza u ma baqghetx tajba ghall-uzu li ghaliha kienet mahusba.

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat illi l-push-chair kienet tiswa €275.00 u l-accessorji l-ohra, ghalkemm inxtraw biex jintuzaw mal-pushchair (ez. net, changing bag u foot muff) ma kellhomx hsara. Irruzulta wkoll illi l-push-chair intuzat minghajr problemi ghal perjodu ta' sena.

Illi in vista tax-xhieda tad-direttur Genovese, it-Tribunal ma jhossx illi ghandu jiddubita mix-xhieda tar-rikorrent, gialadarba Genovese stess tah ragun. Ghalkemm huwa veru illi l-pushchair intuzat ghal perjodu ta' sena, il-hajja jew life-expectancy ta' pushchair taf iddum anke seba snin jew iktar, u gieli jintuzaw ghal perjodu twal minghajr problemi. Meta tonfoq kwazi tlett mitt Euro fuq push-chair, tistenna li almenu tgawdiha ghal perjodu kollu tal-garanzija u mhux ikollok tibdillha wara inqas minn sena. Is-socjeta intimata ma gabitx provi illi l-hsara saret min-naha tar-rikorrenti - anzi qabblet mieghu u tatu ragun.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' €275.00. Bi dritt tas-socjeta' intimata li tiehu lura l-pushchair in kwistjoni wara li ssir id-debitu hlas.

Michela Spiteri Av.
Arbitru